MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Avviz Numru. 392/2011

**F. Advertising Limited (C 27689)**

**Vs**

**Andrew u Ulrika konjugi Mifsud**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' €4377.80 rapprezentanti ammont dovut mill-konvenuti in konnessjoni ma servizzi debitament rezi fuq inkariku tal-konvenuti ai termini ta' skrittura privata ffirmata mill-konvenuti u datata 15 ta'Frar 2010.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' ittra ufficjali prezentata a tenur tal-artikolu 166A Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata 20 ta' Ottubru 2011 u ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat mal-istess ittra u l-imghaxijiet legali dekorribbli

mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv ghas-saldu kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fil-21 ta' Marzu 2012 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ €4377.80 bl-imghax legali mill-20 t’Ottubru 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 t’Ottubru 2011 imsemmija fl-avviz in esami kif ukoll tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tal-20 ta’ Ottubru 2011.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------